# Regia ta' Malta
# Bullettin Leġjunarju

Jannar 2025

**Prattika Spiritwali**

## A Grateful Heart

Ingrat jaħseb li ma għandu għalfejn jirringrazzja lil ħadd għax kulma għandu ħadem għalih hu. Fonzu jemmen li kulma għandu hu dritt tiegħu u għalhekk ma jirringrazzjax. Li tkun taf tapprezza u tirringrazzja hija kwalita' sabiħa ħafna u tindika nobbilta' ta' karattru. Min ma jirringrazz-jax huwa magħluq, egoist, ma jafx japprezza, diffiċli u mimli pretensjoni-jiet. Kull filgħodu ngħidu lil Alla: 'niżżik ħajr li ħlaqtni, għamiltni nisrani u żammejtni ħaj s'issa'. Lil Alla nirringrazzjawh li bagħtilna lil Ġesu fid-dgħajsa ta' l-istorja tagħna u li baqa' magħna. Meta ngħaddu mit-tbatija nifhmu ftit x'bata Ġesù għalina u minflokna. Kuljum il-leġjunarju jingħa-qad ma' Marija u jrodd ħajr. Żgur li Marija trid tnissel fil-leġjunarju 'a grateful heart' li ssib il-quċċata fl-Ewkaristija, l-innu ta' radd il-ħajr u ta' apprezzament għal dak li Ġesù għamel u għadu jagħmel għalina. Grazzi Mulej ukoll talli taħfrilna dnubietna permezz ta' saċerdot dgħajjef bħalna. Leġjunarju bil-qalb ta' Marija jirringrazzja dejjem, ukoll għali-affarijiet żgħar, anki meta l-affarijiet ma jiġux kif jixtieqhom. X'inhu l-aħjar Alla jafu

**Iddiskuti: 1. Kieku kellek tagħmel lista ta' xiex għandek għax tirringrazzja, lil Alla u lill-bnedmin ta' madwarek, x'kont tinkludi?**
**2. Xiħadd qal li ma tistax tkun leġjunarju tajjeb jekk ma tgħidx kuljum il-Catena imma lanqas jekk ma tiħux sehem fl-Ewkaristija. Ikkummenta.**

**Dun Karm Gauci**

### Intenzjoni tal-Papa għax xahar ta' Jannar
### *Għad-Dritt għall-Edukazzjoni*



Nitolbu għall-migranti, għar-refuġjati u dawk milqutin mill-gwerra, biex id-dritt tagħhom għall-edukazzjoni, li huwa neċessarju għall-bini ta' dinja aħjar, ikun dejjem rispettat.

***Laqgħa ta' tagħlim Sibt 25 ta' Jannar fil 5 p.m, Dar tal-Leġjun***

## *Ħsieb għax-xahar ta' Frar*



Ġesù sejjaħ lid-dixxipli tiegħu waqt li kienu fuq ix-xogħol, waqt mument ordinarju tal-ħajja li kien parti mir-rutina ta' kuljum. Alla jħobb isejjaħ lill-bniedem fil-mumenti l-aktar ordinarji. Lil Mose waqt li kien qed jirgħa, lil Marija waqt ix-xogħol tad-dar, lil Ġużeppi fil-ħolm waqt li kien rieqed.

**U lili Ġesù fejn se jsibni? Se jsibni attent? U fuq kollox, jsibni lest li nitlaq dak li nkun qed nagħmel u nimxi warajh?**

## Il-Qabar ta' San Pawl



San Pawl ħa il-martirju fis-sena 67 wara Kristu. Mara nobbli Rumana, li skond it-tradizzjoni kien jisimha Lucina, ħasbet biex tidfen il-ġisem tiegħu f'post matul il-'Via Ostiense', triq importanti li kienet twassal minn Ruma sal-port ta' Ostia. L-Imperatur Kostantinu bena basilika fuq dan il-memorial. Matul is-snin din il-basilika sarulha ħafna tibdiliet u kellha tiffaċċja ħafna perijodi imħawdin li Ruma, u il-madwar, għaddew minnhom. Fis-sena 1823 din il-basilika inqerdet għal kollox b'nirien li hakmuha. B'xorti tajba reġgħet inbniet u waqt ix-xogħol fuq il-basilika il-ġdida instabet irħama bil-kliem "Paolo Apostolo Mart", kliem li jfisser 'Pawlu Appostlu Martri'. F'2006 instab is-sarkofagu tal-irħam li fih instabu għadam ta' persuna li ir-riċerkaturi iddikjaraw għexet bejn l-ewwel u t-tieni seklu wara Kristu. Fl-2009 il-Papa Benedittu XVI iddikjara li dawn il-fdal juru li t-tradizzjoni li San Pawl kien ġie midfun hemmhekk hi verità.

***L-ewwelnett għandu jkun magħruf li persuna tkun qed tfittex 'l Alla, il-Maħbub tagħha ikun qed ifittixha wisq aktar***